MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1537/2002

***Elmo Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc***

***vs***

***Anthony Cassar***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) rappresentanti *policy excess* skond kuntratt ta' assikurazzjoni wara li l-konvenut ghamel *claim nru*.02A025(1) mas-socjeta' attrici nomine bhala assikuratrici tal-vettura numru GAC 521, proprjeta' tal-konvenut, li kienet involuta f'incident tat-traffiku li gara Tal-Barrani Road, Zejtun fl-10 ta' Jannar 2002.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-13 ta' Mejju 2002 u bl-imghax legali b'effett mit-13 ta' Mejju 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa ma deherx u lanqas ma pprezenta rispsota fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Mark Mifsud Cutajar ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-13 ta' Mejju 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------